KLR 65/VII/2018

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 7 t'Awwissu 2018 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Il-membri Maria Portelli u Anthony Briffa.

Il-Kunsill aċċetta l-ittra ta' apoloġija tal-membri skużati.

**65.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa. Mill-minuti l-membri qablu li l-Kunsill jerġa jikkomunka mal-Pulizija rigward il-bejjiegħa li qed jarmaw mingħajr permess tal-Kunsill fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus.*

**65.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li r-'Racing Pigeon Society No. 18' għadha nteressata li tiżviluppa l-piċċ tal-boċċi li jinsab fi Triq it-Tabib Anton Tabone. Il-Kunsill reġa ra l-offerta li kienet intefgħet u sar qbil li tiġi konsultata l-Awtorita' ta' l-Artijiet sabiex jekk hu possibli dan is-sit jiġi żviluppat b'opzjoni B li tkopri l-iżvilupp tas-sit kollu nkluż il-belvedere u garaxx li jkun tal-Kunsill. Dan bil-prezz ta' €80,871.71 u jingħata b'devoluzzjoni lil din l-NGO għal 70 sena.

**65.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

65.3.1 Il-membru Buttiġieġ għarraf lill-membri li l-kumitat tal-Victoria Hotsprus F.C. huma nteressati li jerġgħu jiffinanzjaw turf sintetiku ġdid fil-piċċ li hemm fil-H.E. taċ-Ċawla. Il-membri qablu li l-klabb għandu jressaq il-proposti għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

65.3.2 Christian Cordina mill-ecoGozo fi ħdan il-Minsiteru għal Għawdex rigward il-proġett SHERPA;

65.3.3 residenti minn Triq Librerija, Triq Providenza u bidu ta' Triq Santa Marija qed jilmentaw fir-rigward tal-ħmieġ tal-ħamiem li qed ikun hemm f'dawn it-toroq. Il-membri qablu li għandha tintalab l-għajnuna tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'dan ir-rigward;

65.3.4 in-Nutar E.G. Cefai fejn ressaq talba sabiex tissemma triq għall-missieru, Ġużeppi Cefai (1921 – 1996). Din it-talba ser tintbagħat għall-kunsiderazzjoni tal-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex;

65.3.5 sidien tal-ħanut 'Capitan Spriss' fejn talbu jistgħux iħallu l-*bin* li jitfgħu il-ħġieġ iġġenerat mill-ħanut tagħhom fi Triq taħt Putirjal. Dan hu kontra r-regolamenti tal-iskart iġġenerat minn *catering establishments* u l-Kunsill ser jibgħatilhom d-dettalji tal-Avviż Legali li jgħid dan;

65.3.6 l-Avukat Daniel Calleja li kiteb għan-nom ta' Emanuel Grima. Dan kien jinħariġlu permess ta' *one day event* biex l-*band* tiegħu ddoqq fi Pjazza San Franġisk. Dan l-aħħar kien hemm ilmenti minħabba l-istorbju u l-permess ma baqax jinħariġlu. Il-membri qablu li billi l-Kunsill ma jistax jirrifjuta li jaċċetta talbiet ta' *one day events*, għandha ssir il-proċedura kollha li tirrigwardja l-ħruġ tal-permessi għal dawn it-talbiet u mbagħad jekk ikun hemm ilmenti, l-Pulizija tiegħu l-azzjoni u twaqqaf l-attivita' kif għandha l-fakulta li tagħmel;

65.3.7 Georgine Farrugia, skrivana fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Hi talbet li tiġi promossa minn skala 15 (skrivan) għall-skala 13 (uffiċċjal eżekuttiv) skont – Avviż Legali 127/98- Regolamenti dwar Riżorsi Umani Artiklu 14, Memo 46/98 u l-Ftehim Kollettiv għall-ħaddiema kelerikali ġewwa l-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għandu jiġi nfuramt b'dan. Waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-meterja l-membru Marcel Tabone ħareġ mill-kamra;

65.3.8 'RefabLightblue Partenership' li jieħdu ħsieb il-*bins* li fihom jintremew il-ħwejjeġ użati qed jissuġġerixxu li jiżdiedu dawn il-*bins*. Il-membri ma qablux;

65.3.9 Michael Wayne fejn ilmenta fir-rigward li l-bejjiegħa tal-monti fi Pjazza Savina qed jarmaw il-barra fit-triq bil-konsegwenza li jistgħu ikunu ta' periklu għall-pedonali u l-vetturi għaddejjin fit-tirq. Il-Kunsill għandu jinfurmhom sabiex ma jabbużawx mill-ispazji tal-monti.

### 65.4 *Playing Field*

Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol tal-*playing filed* daqt jiġu konklużi. Sar il-bdil tal-*equipment* li ġie vandalizzat u ġie ordnat ukoll *fence* għall-parti t'isfel.

Il-membri qablu li:

- jinxtraw il-bankijiet mingħand l-orħos offerant li hu 'JGC playon Ltd.'. Dan wara li tressaq l-*evaluation report* tal-kwotazzjoni maħruġa;
- jiżdiedu l-arbuxelli fis-*soft areas* tal-*playing field*;
- l-*open weekend* u l-ftuħ uffiċjali tal-*playing field* għandu jsir nhar il-Ġimgħa 21 u s-Sibt 22 ta' Settembru 2018. Ser jiġu organiżżati diversi attivitajiet li jolqtu lit-tfal u l-familja.

**65.5 Pjazza Santu Wistin**

Fit-2 t'Awwissu 2018, il-Perit Edward Scerri u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Enġiniera tal-Enemalta rigward dan il-proġett. Il-Perit għarraf lis-Sindku li sa l-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla ser ilesti l-pjanti biex tiġi diskussa mill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

**65.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

65.6.1 *keep clear* quddiem garaxxijiet ta' 124 u 126 fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace';
65.6.2 *un/loading* quddiem 'Almar' fi Triq Santa Martha;
65.6.3 *1.5m keep clear* quddiem 20, Triq Sant Ursola.

65.6.4 TM m'approvatx t-talba għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' quddiem Emanuel Mercieca, 3, Triq Gedrin minħabba li l-porblema ta' mobilita' tal-applikant mhix severa.

Il-Kunsill talab il-permess ta' TM:-

65.6.5 għall-*Factory Exit* quddiem 'Polar Ice' 132, Triq Santa Dminka;

65.6.6 biex jitneħħa *double yellow line* quddiem garaxx 36, fi Triq l-Assunta peress li dan il-garaxx jintuża u s-sid jipparkja *electric quadbike* quddiem il-garaxx tiegħu.

65.6.7 Il-Kunsill ser jitlob il-parir ta' TM rigward emejl ta' Stephen Apap fejn talab dettalji rigward *junction* li qedgħa bejn Triq Wied il-Lunzjata u Triq Kerċem. Dan qed jistaqsi jekk din hix *central stirp* jew tistax tintuża bħal *parking area*.

**65.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar t' Awwissu 2018 skont dokument A anness.

**65.8 Xogħolijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

65.8.1 titressaq bozza numru 053 fi Triq il-Belliegħa peress li l-post fejn qedgħa din il-bozza, 44, Triq il-Belliegħa, ser jitwaqqa. Il-bozza ser titpoġġa ma post aktar 'l isfel;

65.8.2 jitneħħew il-bankijiet li hemm fl-isqaq ta' Triq Mons. Ġużeppi Farrugia minħabba li bil-lejl qed jidħlu żgħażagħ jagħmlu l-istorbju;

65.8.3 titranġa t-tabella tan-*no waiting* li hemm fi Triq Mons. Ġużeppi Farruuġia;

65.8.4 tritanġa r-rampa tal-garaxx ta' 'Amar' fi Triq Gedrin.

**65.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 4 ta’ Settebmru 2018 fis-19.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |